# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU SBATAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 4 t'April, 2003 fil-5.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

### AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Suġġerimenti Laqgħa Pubblika.
4) Pjan Finanzjarju 2003/2004.
5) Servizz tal-EGovernment.
6) Uffiċċju f'Misraħ 4 ta' Settembru.
7) Abbozz - Programm Jum l-Isla.
8) Model Agreement, Dipartiment tat-Toroq.
9) Ħruġ ta' Tenders.
10) Approvazzjoni tal-Bonus Annwali ta' l-Impjegati.
11) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 17 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

17.(1).1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-Minuti tal-laqgħa numru 16 kif ippreżentati.

## 17(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*Is-Sindku Joseph Casha għarraf lill-Kunsill bil-ħidma u l-laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.*

*17.(2).1 Koperattiva Ndafa Pubblika ( 03 / 03 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar kellhom laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill mar-rappreżentanti tal-Koperattiva Ndafa Pubblika. Jidher li hemm differenzi bejn rappreżentanti tal-Koperattiva (kuntrattur) u wieħed mill-kolletturi ssekondat minn mal-Gvern Ċentrali.

Kemm is-Sindku u l-Viċi Sindku għarrfu lill-Koperattiva li s-servizz tal-kollettur hija tajba. Pero bħala prinċipju l-Kunsill ma' jidħolx f'din is-sitwazzjoni għax hija kwistjoni ta' proċedura nterna tal-koperattiva.

*17.(2).2 Grants għall-Gallarijiet ( 12 / 03 / 2003 )*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal laqgħa tal-Awtorita Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-iskema ta' grants għall-gallarijiet. Sar qbil li l-applikanti kollha mil-lokal ser jidħlu fl-iskema bid-differenza li s-sussidju jista jkun inqas minn 60% ta' l-estimi li jkunu saru.

*17.(2).3 Winter Moods (14 / 03 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal-launching (varar) ta' CD - Butterfly House mill-Grupp Winter Moods. Din saret f' The Alley f'Paceville. Dan il-grupp irringrazzja lill-Kunsill tal-koperazzjoni li huma dejjem sabu mill-Kunsill Lokali.

*17.(2).4 Street Lighting Devolution (14 / 03 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt għat-Tmexxija tad-Devoluzzjoni ta' Street Lighting. F"din il-laqgħa kellu jiġi ffirmat il-kuntratt.

*17.(2).5 Aġenzija Aċċess (18 / 03 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgħa mas-Sur Joe Gerada CEO ta' din l-aġenzija. F"din il-laqgħa ġiet diskussa t-talba tal-Kunsill għal assenjar ta' Social Worker / Kordinatur għall-ħtiġijiet tal-lokal.

Is-Sur Gerada qal li hu jkun jista' joffri dan is-servizz f'Lulju meta jkollu l-għajnuna ta' studenti ġodda.

*17.(2).6 Servizz ta' Wardens (18 / 03 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhu laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill mal-Field Area Manager, mas-Sur John Bonavia Authorised Officer u s-Sur Charles Curmi General manager.

Ġew diskussi l-problemi ta' parking fil-lokal b'mod speċjali fejn tidħol il-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-Gwardjani Lokali. Is-Sindku ħeġġiġhom li jgħarrfu lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-proċeduri li qed jiġu mwettqa minn pulizija f'dan il-lokal.

*17.(2).7 Għajnuna Volontarja fil-Lokal*

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsillieri li f'laqgħa li kellna mas-Sinjura Anna Spiteri, Chairperson tas-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjni u Attivitajiet Soċjali sar suġġeriment biex il-Kunsill ikollu servizz u għajnuna ta' kordinatur fuq bażi volontarja għall-attivitajiet edukattivi u soċjali li jtella' l-Kunsill minn żmien għal żmien.

Dan qed jiġi offrut mis-Sinjura Anna Spiteri. Il-Kunsill laqa' dan is-suġġeriment. Dan il-Kordinatur, Ms Vanessa Caruana għandhu jaħdem mill-uffiċċju tal-Kunsill meta jkun il-bżonn.

*17.(2).8 Kunċert Sindoniku Queen's Own Band Club (22/03/03)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar kienu mistiedna għal Kunċert Sinfoniku fis-Sede Azzjoni Kattolika u li kien imtella mill-Banda Queen's Own ta' l-Isla.

*17.(2).9 Kumitat Konġunt Devoluzzjoni Dawl fit-Toroq ( 25 / 03 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda laqgħa oħra ta' dan il-Kumitat fejn ġie diskuss l-għażla tal-Contract Manager. L-aħjar offerta kienet dik ta' Med Developers Designers & Consultants Ltd (4.3%)

L-Erbgħa 26 ta' Marzu 2003 saret laqgħa oħra ta' dan il-Kumitat Konġunt biex jiġu ġġudikai l-offerti li waslu biex jieħdu il-kuntratt tax-xogħol għat-twettiq tad-dawl fit-toroq. Ir-rakkomandazjoni tal-Bord ta' l-Għażla kienet li jintgħażel il-kuntrattur Nexos. Saru diskussjonijiet ukoll dwar dawn il-proposti mill-Contract Manager, stock ta' materjal, makkinarju u garanziji tal-lampi. Ġiet ippreżentata l-*Letter of Intent* kif ukoll ir-rapport tal-Bord ta' l-Għażla (04/0542/03/I).

*17.(2).10 J. B. Azopardo (20 / 03 / 2003)*

Saret laqgħa fi Project House fejn kienu preżenti s-Sindku Joseph Casha, is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit, Michael Vella u ċ-Chairman tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera l-Perit Chris Spiteri kif ukoll l-Uffiċjal tal-Finanzi tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura.

Din il-laqgħa saret fuq talba tal-Kunsill biex jiġi ikkjarifikat u speċifikat ix-xogħol li twettaq mill-Kalaxlokk u mill-Kuntrattur Silvar Construction & Services Co. Ltd.

Wara li jsir dan ikun jista' jiġi stabbilit il-ħlas li l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera għandhu jagħti lill-Kunsill għal xogħol li ġie mwettaq mill-Kalaxlokk Iżda sar minn Silvar construction & Services Ltd.

*17.(2).11 Jum il-Premjazzjoni - Skola Dom Mauro Inguanez (26 / 03/ 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Mario Mizzi kienu mistiedna għal Jum il-Premjazzjoni f'din l-Iskola. Kienet serata organiżżata tajjeb ħafna. Wara kien hemm drinks.

*17.(2).12 Laqgħa Pubblika Annwali. (28 / 03/ 2003)*

Din il-laqgħa kienet ippjanata li ssir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2003, iżda wara li kienu diġa ħarġu l-avviżi, ġejna nfurmati mill-Parroċċa li f'din il-ġurnata ser tiġl ċċelebrarta l-festa tar-Redentur bil-purċissjoni madwar il-belt.

L-assisstent Direttur ta' parir lill-Kunsill Lokali wara talba li saret mill-Kunsill biex il-laqgħa pubblika li kellha ssir fil-31 ta' Marzu 2003 tiġi posposta għall-ewwel ġimgħa f'April. Il-Kunsill ħareġ avviż mill-ġdid (04/0516/03I).

Għaldaqstant il-Kunsill trasferixxa din il-laqgħa għal nhar il-Ħadd 6 t'April 2003 fid-9.00am wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

*17.(2).13 Jum Il-Isla - Skola Dom Mauro Inguanez (03 / 04/ 2003)*

Saret laqgħa mal-Kap ta' l-Iskola dwar is-sehem u l-attivitajiet ta' l-Iskola f'Jum l-Isla.

*17.(2).14 Queen's Own Band Club (03 / 04/ 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Joe Degiorgio, is-Sur Pisopo, President u s-Segretarju tal-Kumitat tal-Banda. Dawn reġgħu fakkruna fit-talba tagħhom li kienu għamlu s-sena l-oħra biex il-Kunsill jgħinhom jiffinanzjaw akkademja mużikali bħala tifkira tal-100 sena mit-twaqqief ta' din il-Banda f'Novembru 2003. Din l-attivita' ser tqum lill-Każin tal-Banda madwar m 600.00.

*17.(2).15 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-1 ta' Marzu sa l-4 t'April 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0341/03/I Street Lighting Devolution Group*

Bħala kordinatur ta' dan il-grupp ġie maħtur Maurice L. Mallia li ħa ħsieb joħroġ it-tenders meħtieġa. Saret laqgħa fl-14 ta' Marzu 2003 fejn infetħu t-tenders. Sar qbil fuq il-ħatra tas-segretarju biex dan jattwa d-deċiżjonijiet li jittieħdu. Infetaħ Bank Account għal dan il-Joint Committee.

*04/0354/03/I* *Kors - Ħansa*

Kien hemm talba biex is-sinjura Pina Bugeja ittella dan il-kors fil-Kunsill. Il-Kunsill ma' setgħax jaċċetta din it-talba minħabba li diġa laqa' talba oħra aktar qabel biex jittellgħa dan il-kors.

*04/0355/03/I* *EGovernment - Internet Access*

Il-Kunsill ġie infurmat li ser jingħataw żewġ computers għall-użu ta' l-Internet Cafe fil-Kunsill. Dawn Iż-żewġ Computers waslu fil-Kunsill mill-Kumpanija Forestals Ltd (04/0454/03/I).

*04/0364/03/I* *Traffic Management fi Triq il-Kunċizzjoni*

L-Awtorita dwar it-trasport (ADT) permezz tat-Taqsima ta' Traffic Management infurmat lill-Kunsill kif għandhom isiru s-sinjali tat-toroq fi Triq il-Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq Iż-Żewġ Mini. Dawn is-sinjali ġew imwettqa kif mitlub.

*04/0373/03/I* *Ilment - 56, Triq il-Kurċifiss*

Permezz ta' l-Avukat tiegħu dan iċ-ċittadin talab li ssir bollard quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li jitlob parir tas-sezzjoni tat-Traffic Management fi ħdan l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku. Kopja ta' din it-talba għandha tintbagħat lill-Avukat ta' dan ir-resident.

*04/0395/03/I* *Double Line*

Saret talba minn Ivan u Ray Zammit residenti fi Triq Iż-Żewġ Mini biex jitwalu (No Parking) d-double lines eżistenti fil-bidu ta' din it-triq. Il-Kunsill qabel li jsir kejl sewwa ta' dawn is-sinjali fit-triq qabel tittieħed deċiżjoni.

*04/0401/03I* *Talba għall-istħarriġ dwar l-Anzjani*

Talba mis-Sinjura Miriam Formosa li qed issegwi kors ta' Dottorat fl-Universita' ta' Malta fil-ġerontoloġija biex tkun tista' tiltaqa ma' madwar 11 il-anzjan bejn 61 - 75 sena ħalli tgħamillhom intervista. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

*04/0403/03/I* *Koperattiva Żjarat Kulturali*

Din il-Koperattiva talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex tippromwovi l-wirt kulturali f'pajjiżna billi jkunu jistgħu jinkludu l-Forti San Mikiel u l-bejt tal-Maċina fiż-żjarat li bi ħsiebhom jorganiżżaw bejn Settembru 2003 u Jannar 2004.

Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u ser jieħu ħsieb jagħmel kuntatt mat-Tarzna ta' Malta dwar il-bejt ta' San Mikiel qabel japprova din it-talba.

*04/0450/03/I* *Kumitat Festi Nazzjonali*

Il-Kunsill approva t-talba min dan il-Kumitat biex ikun jista' juża l-premises tal-Kunsill waqt ir-regatta ta' Jum il-Ħelsien.

*04/0461/03/I* *Festival tal-Logħob tan-Nar 2003*

L-Awtorita Maltija tat-Turiżmu infurmat lill-Kunsill li mhux ser tuża l-Ġnien tal-Gardjola u l-Ponta ta' l-Isla għal dan il-Festival skond kif kien intalab qabel.

*04/0473/03/I* *Librerija Pubblika Lokali*

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni approva u talab stima ta' l-ixkaffar li huwa meħtieġ li jsir fl-attrezzar ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru li huwa ndikat li jsir Librerija Pubblika tal-Lokal.

*04/0478/03/I* *Pedestrian Crossing fi Triq il-Vitorja*

Il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Korporazjoni Enemalta li biex issir din il-pedestrian crossing huwa stmat li tqum madwar Lm 726.

*04/0500/03/I* *Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura*

Il-Kunsill qabel li jidħol għall-esibizzjoni "The Great Spring Show" li din l-Għaqda ser ittella' bejn it-2 u l-5 ta' Mejju 2003 fejn ser issir wirja tal-fjuri. Id-dritt ta' ħlas huwa ta' Lm2.00 u ħlas ta' flower arrangement. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem u din tifforma parti mill-attivitajiet ta' Jum l-Isla.

*04/0501/03/I* *Sħubija f'Din l-Art Ħelwa*

Il-Kunsill qabel li jġedded is-sħubija tiegħu f'din l-organiżazzjoni għas-sena 2003/2004.

*04/0505/03/I* *Stemma tal-Kunsill - Memo 9/2003*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali talab il-permess biex isir użu mill-istemma tal-Kunsill sabiex tintuża mill-inċlżur kif indikat fil-Memo imsemmi hawn fuq.

Għalkemm qed jaqbel fil-prinċipju, l-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill Lokali barra dak li qed jiġi offrut fil-Memo il-Kunsilli Lokali jibbenefikaw mill-qliegħ li jsir.

*04/0510/03/I* *Malta Environment & Planning Authority*

Il-Kunsill irċieva l-acknowledgement għall-oġġezzjonijiet li l-Kunsill ressaq dwar l-istallazzjoni ta' Antenna ta' mobile phones fuq il-Knisja ta' San Filippu.

*04/0522/03/I* *Talba għall-Ftuħ tal-Bank of Valletta fil-Weekends*

Il-Kunsill stħarreġ is-suġġeriment tas-Sur Charles Fenech biex il-Bank of Valletta jibda jiftaħ l-uffiċċju li għandhu fl-Isla fil-weekends.

Mill-istrateġija li qed juża l-Bank of Valletta jidher li din it-talba hija diffiċli li tiġi aċċetata. Il-Kunsill bi ħsiebhu jara x'jista' jsir.

*04/0525/03/I* *Microsoft Software*

Il-Kunsill ġie mitlub biex jirreġistra fil-Kunsill lil dawk l-isteudenti li jridu jixtru Microsoft Software : Windows XP, Office XP u Visual Studio.net bi prezz irħis u li sejjer ikun sussidjat mill-Egovernment Commission. Id-data ta' l-egħluq hija nhar il-Ġimgħa 25 t'April 2003 fl-12.00pm.

*Nota : Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill fl-4.00pm.*

*04/0526/03/I* *Rampa ħdejn il-Knisja Marija Bambina*

L-Awtorita Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent approvat ir-rampa għal nies bi bżonnijiet speċjali li hemm ħdejn il-Knisja Parrokjali f'Misraħ Papa Benedettu XV.

*04/0543/03/I* *Plakki - Bini Tal-Gvern*

Wara t-talba li kien għamel il-Kunsill, id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar approva biex it-tabelli li jindikaw il-binja ta' appartamenti tal-Gvern fi Triq Is-Sur jinbidlu mill-Kunsill għas-spejjeż tad-Dipartiment.

## 17(3) Laqgħa Pubblika Lokali

Billi l-laqgħa pubblika lokali kienet ġiet trasferita għal nhar il-Ħadd 6 t'April 2003. Ma' kienx hemm suġġerimenti x'jiġu diskussi.

## 17(4) Pjan Finanzjarju 2003 / 2004

Ġie ppreżentat draft outline tal-Budget tal-Kunsill 2003/2004 (Kopja Mehmuża).

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi dan l-abbozz finanzjarju ġie approvat nem. con. Aktar tard dan l-abbozz ser jiġi maħdum fi pjan Finanzjarju dettaljat skond il-proċeduri mitluba.

## 17(5 u 6) Servizz tal-Egovernment u Uffiċċju f'Misraħ 4 ta' Settembru

Id-diskussjoni fuq dawn l-items fuq l-agenda ġiet posposta għal iktar tard fil-laqgħat tal-Kunsill li jmiss wara li jkun hemm aktar tagħrif ta' x'hemm bżonn li jsir hekk kif il-fond f'Misraħ 4 ta' Settembru jiġl devolut uffiċjalment lill-Kunsill.

## 17(7) Abbozz - Programm ta' Jum l-Isla

Ġie ppreżentat abbozz ta' attivitajiet fi programm ta' Jum l-Isla (Kopja mehmuża). Il-Kunsill Lokali qabel li jagħmel stedina uffiċjali lil Comune ta' Cassino biex jiġu mistiedna għal dawn l-attivitajiet u biex jitkomplew it-taħditiet dwar il-ġemellaġġ.

Il-Kunsill fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop qabel li jivvota Lm 600 għall-programm ta' Jum l-Isla.

## 17(8) Model Agreement għal Resurfacing ta' Toroq fl-Isla

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Mario Mizzi l-Kunsill approva nem. con. ittra li l-Kunsill għandhu jibgħat lill-Ministeru għat-Trasport u Kommunikazzjoni dawr xogħlijiet ta' toroq li l-Kunsill jixtieq iwettaq fis-sentejn li ġejjin u li ser ikun sussidjati mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill qed jippjana li seba toroq li huma : Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Kurċifiss, Triq San Lawrenz, Dawret Ix-Xatt, Triq San Ġużepp u Triq Iż-Żewġ Mini jsiru fuq medda ta' sentejn (Ittra mehmuża).

## 17(9) **Ħruġ ta' Tenders**

Il-Kunsill qabel li jinkariga lill-perit tal-Kunsill biex jaħdem u jippreżenta lill-Kunsill Bills of Quatities u kuntratt relevanti biex jinħarġu tenders għal xogħol ta' resurfacing f'dawn it-toroq: Triq San Lawrenz, Triq il-Kurċifiss, Triq il-Vittmi tal-gwerra u Dawret Ix-Xatt.

## 17(10) Approvazzjoni tal-Bonus Annwali ta' l-Impjegati

Il-Kunsill approva unanimament il-massimu tal-Bonus dovut lill-istaff tal-Kunsill skond Avviż Legali Numru 127 ta' l-1998.

17(11) Approvazzjoni u l-ffirmar ta' l-Ordnijiet ta' Pagamenti

Il-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar ippropona l-ħlas ta' pagament li jammontaw għal Lm 16, 562. 29ċ .

Il-Kunsill approva dan il-ħlas ġie approvat nem. con.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-7.20pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

---

______________________

Joseph Casha
Sindku

______________________

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv